**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta’ April 2022**

**Rikors Numru 104/2020**

**Paulseph Pirotta**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ **Paulseph Pirotta** ipprezentat fl-20 ta’ Novembru 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*“Illi l-esponent applika sabiex jinghata licenzja ta’ Gwardjan Privat taht id-disposizzjoni tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Illi b’ittra datata 28 ta’ Ottubru 2020, il-Kummissarju tal-Pulizija informa lill-esponent li l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata u dan fl-interess pubbliku a tenur tal-artikolu 10 (b) tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

*Illi r-ragunijiet moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija huma nfondati fil-fatti fid-dritt u f’kull kaz, sproporzjonati, u dan kif ser jirrizulta ahjar fil-kors ta’ din il-procedura.*
*Illi inoltre, il-Kummissarju tal-Pulizija ezercita d-diskrezzjoni tieghu taht l-artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta’ Malta, u rrifjuta l-applikazzjoni tal-esponent proprju f’dawk l-istanzi fejn il-ligi, taht l-artikolu 10(a) tal-istess Att, tippermetti l-hrug tal-licenzja.*

*Illi dan imur kontra l-principji legali u d-duttrina dwar l-ezrcizzju tad-diskrezzjoni li biha huwa vestit il-Kummissarju tal-Pulizija taht il-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.*
*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tat-trattazzjoni ta’ din il-procedura, l-esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu:*

i. *Ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 ta' Ottubru 2020 li permezz taghha rrifjuta l-applikazzjoni tal-esponent sabiex jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat.*

ii. *Konsegwentement jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jista' jigi lilu pefiss minn dan t-Tribunal, japprova l-applikazzjoni tal-esponent ghall-hrug tal-licenzja ghall-Gwardjan Privat, u/jew jaghti lill-esponent licenzja ta' Gwardjan Privat minghajr ebda kundizzjoni u ai termini tal-ligi."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija** ipprezentata fis-26 ta' Dicembru 2020 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta` gwardjan privat abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi mhuwiex minnu dak li jgħid ir-rikorrent li l-esponent irrifjuta l-applikazzjoni f'dawk l-istanzi fejn il-liġi, taħt l-artikolu 10(a) tal-Kap. 389, tippermetti l-ħruġ tal-liċenzja. L-ewwel nett, l-artikolu 10(a) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta jelenka ċirkostanzi partikolari meta applikazzjoni għandha tkun rifjutata b'mod tassattiv – u mhux istanzi fejn huwa permessibbli ħruġ ta' liċenzja. It-tieni nett, l-artikolu 10(a) m'għandux siwi għall-każ odjern, ġjaladarba l-esponent irrifjuta l-applikazzjoni abbażi tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jagħti diskrezzjoni lill-esponent li jirrifjuta applikazzjoni għall-liċenzja fl-interess pubbliku;*

3. *Illi l-esponent jirrileva li fid-dawl tar-reati kommessi mir-rikorrent elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', ma setax jilqa' l-applikazzjoni, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li Paulseph Pirotta għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolu u mhux jaġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hu stess f'każ li jingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra r-reati kommessi tul l-aħħar snin, l-esponent ma jħossx li r-rikorrent huwa persuna idonea sabiex jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

4. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrent irid jirrikonoxxi li l-liċenzja li applika għaliha iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi min ikun fil-pussess ta`*

*tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta` dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta` Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta` licenza ta` Gwardjan Privat......*
>
> *B'hekk ghalkemm ir-rikorrent certament ma huwhiex ta` xi minacca ghas-socjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jinghata licenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` gid ghalih u ghas-socjeta`. Konsegwentement ghalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

1. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe` mhux biss b'rabta ma` xi biza` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li f'dawn iċ-ċirkostanzi uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent;*

2. *Illi finalment b'referenza għat-tieni talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

---

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 28 ta' Ottubru 2020 li rrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal licenzja ta' gwardjan privat. Illi r-raguni moghtija mill-istess Kummissarju intimat kienet li mhux fl-interess pubbliku li tinhareg tali licenzja minhabba sentenzi kriminali li nghataw fil-konfront tar-rikorrent.

Illi mix-xhieda prodotta, senjatament ix-xhieda tal-Ispettur Sarah Magri, jirrizulta li l-Kummissarju intimat irrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo* in vista tas-segwenti sentenzi kriminali, u cioe`:-

1. Sentenza datata 11 ta' Frar 2020 rigward sewqan perikoluz fost akkuzi ohra;
2. Sentenza datata 11 ta' Ottubru 2012 rigward krudelta` fuq annimali, fost akkuzi ohra[2];
3. Sentenza datata 21 ta' Frar 2011 rigward ferita ta' natura gravi, fost akkuzi ohra[3];
4. Sentenza datata 26 ta' Ottubru 2009 rigward ferita ta' natura hafifa, fost akkuzi ohra.

L-Ispettur Sarah Magri spjegat li l-iktar sentenza li garret piz kienet dik ta' Frar 2011 fejn ir-rikorrenti kien akkuzat bir-reat ta' feriti gravi fuq persuna ohra. Hija spjegat ukoll illi r-reati li nstab hati taghhom l-imputat bdew fl-2009 u komplew sal-2020. Skont ix-xhud dan jirrifletti hazin fuq il-karattru tar-rikorrent. Hija pero` kkonfermat illi fir-rigward tas-sentenza l-iktar ricenti u cioe` dik li giet deciza fl-ewwel grad fl-2020 kien hemm appell pendenti dwarha. Tispjega li sentenzi appellati u li dwarhom ma jkunx ghadu hemm decizjoni ma jittihdux in konsiderazzjoni, pero` f'dan il-kaz ma kinux jafu li kien hemm appell u allura ttiehdet in konsiderazzjoni.

**Fr. Martin Bruno** spjega li hu kien ilu jaf lir-rikorrent ghal cirka disa' snin u dan fl-ambitu tal-Parrocca ta' San Gorg, Hal-Qormi. Xehed li r-rikorrenti qatt ma ra problemi minnu u gieli tah xi daqqa t'id.

---

[2] Sentenza esebita a fol. 36
[3] Sentenza esebita a fol. 34

**Ir-rikorrent** stqarr li ghandu tletin sena u li r-reati ta' mohqrija fuq l-annimali u tal-feriti gravi jirrisalu ghal meta kellu tmintax u ghoxrin sena rispettivament. Huwa spjega c-cirkostanzi li wasslu biex huwa jigi akkuzat bir-reati appena citati. Jispjega wkoll illi llum il-gurnata ghaddew iktar minn ghaxar snin minn meta wettaq dawk ir-reati u ghalhekk fl-opinjoni tieghu ma kien hemm xejn x'jindika li ma kienx fl-interess pubbliku li huwa ma jinghatax il-licenzja ta' gwardjan privat.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi l-Kummissarju intimat ibbaza r-rifjut tieghu principalment fuq erba' (4) sentenzi moghtija fil-konfront tar-rikorrent liema sentenzi jirreferu ghal reati mwettqu fis-snin 2009, 2010, 2011 u 2019. Madankollu jirrizulta illi s-sentenza riferibbli ghal reati li taghhom instab hati permezz ta' sentenza tal-11 ta' Frar 2020 (riferibbilment ghal reati li sehhew fl-2019) tinsab soggetta ghall-appell u kwindi, fi kliem l-Ispettur Sarah Magri, din ma kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jezamina jekk abbazi tal-fedina penali tar-rikorrent, u principalment b'referenza ghal tliet sentenzi partikolari, il-Kummissarju intimat kienx gustifikat li jirrifjuta li johrog il-licenzja lir-rikorrent abbazi tal-interess pubbliku.

Illi r-reati li taghhom instab hati fl-imsemmija tliet sentenzi huma dawk ta' mohqrija ta' annimali, feriti hfief u feriti gravi. Ghal dawn ir-reati huwa gie kkundannat pieni ta' twiddiba u canfira u liberta kundizzjonata.

Illi minn qari tas-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2012 dwar ir-reati ta' mohqrija ta' annimali jirrizulta li l-mohqrija kienet principalment tikkonsisti fil-fatt li r-rikorrenti kien halla z-zwiemel gewwa l-Valletta Cruise Port fil-hinijiet bikrin ta' filghodu, filwaqt li minn qari tas-sentenza tal-21 ta' Frar 2011 jirrizulta illi l-parti leza li sofriet il-feriti gravi kienet issorvolat id-divergenza li kellha mar-rikorrent. Fir-rigward tar-reati ta' feriti hfief din il-Qorti ma setghetx tanalizzaha peress li ma gietx pprezentata. Pero` jirrizulta li ghal dan ir-reat ir-rikorrent inghata twiddiba u canfira.

Illi kkunsidrat illi dawn ir-reati sehhew meta r-rikorrent kien ghadu zghir fl-eta` u li minn dakinhar ghaddew cirka ghaxar snin, it-Tribunal irid iqis jekk id-diskrezzjoni li kellu fdata f'idejh il-Kummissarju tal-Pulizija kellhiex ixxaqleb lejn l-ghoti tal-licenzja jew inkella jekk ir-rifjut kienx fl-interess pubbliku.

Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat ghandu fil-hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat meta wiehed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhal mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista' jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju l-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li nghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi t-Tribunal, jifhem li zball tal-passat, sakemm wiehed jaghraf li zbalja u jiddispjacieh ghal tali zball, m'ghandux izommu milli jkompli b'hajtu, dan iktar u iktar meta l-izbalji jkunu saru f'eta` bhal ma kienet dik tar-rikorrent. B'danakollu t-Tribunal m'hu qed inaqqas xejn mill-gravita` tar-reati li wettaq ir-rikorrent u dana anke in vista tal-fatt li kieku ma nghatax piena ta' liberta kundizzjonata ghar-reat ta' feriti gravi il-Kummissarju intimat ma kien ikollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jirrifjutax jew le il-licenzja *de quo*. Pero`, issa, ladarba r-rikorrenti gie moghti l-pieni msemmija iktar 'il fuq, allura wiehed irid ihares biss jekk huwa jistax ikun ta' dannu ghall-interess pubbliku jekk jinghata l-licenzja *de quo*.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ma ngabet l-ebda prova konkreta li r-rikorrent huwa xi theddida ghall-interess pubbliku. Huwa xehed li dejjem hadem hlief ghal perjodu meta faqqghet il-pandemija tal-Covid 19 u jrid din il-licenzja biex ikollu introjtu dicenti. Illi dan it-Tribunal, minn dak li sema' ma jista' jirriskontra l-ebda cirkostanza oggettiva li tqajjem f'mohhu dak l-allarm li r-rikorrent jista' jipperikola l-benessere tal-pubbliku.

Ghaldaqstant, huwa tal-fehma illi minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ezitu tas-sentenza li ghad hemm pendenti fil-konfront tar-rikorrent, dan it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat ghandu jirrevedi d-decizjoni tieghu fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq.

Finalment it-Tribunal jirrimarka illi huwa jista' biss jannulla d-decizjoni appellata u mhux jordna, kif mitlub fir-rikors promutur, lill-Kummissarju intimat japprova l-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-hrug tal-licenzja ta' gwardjan privat u/jew johrog huwa stess l-istess licenzja. Ghaldaqstant, filwaqt li qieghed jirrevoka l-istess decizjoni, jistieden lill-Kummissarju intimat jirrevedi d-decizjoni tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u fil-parametri biss ta' dak enuncjat hawn fuq, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent u jhassar u jannulla d-decizjoni appellata datata 27 ta' Ottubru 2020.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**